MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Talba Numru. 303/2011

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**

**Darren Paul Degabriele**
**ID-280079(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf mija erbgha u tletin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1,134.78c), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikont hawn anness u mmarkat bhala "Dok. A").

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda dan baqa' inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut da parti tal-konvenut, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mis-socjeta' attrici in sostenn tat-talba taghha.

Ra li ghalkemm il-konvenut ikkontesta l-kawza billi pprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi, naqas milli jattendi ghal ebda wahda mid-diversi seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u erbgha u tletin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1,134.78c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------